# QORTI TA' L-APPELL

## IMHALLFIN

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO, B.A.(HONS), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR. CARMEL A. AGIUS, B.A., LL.D.**
**ONOR. JOSEPH D. CAMILLERI, B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 19 ta' Novembru, 2001**

**Numru 33**

**Cit. Nru. 111/99 G**

**Alfred Debono**

**vs**

**Josephine mart l-istess Alfred Debono**

**Il-Qorti;**

**<u>Id-digriet appellat</u>**

Dan huwa appell mis-segwenti digriet moghti mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri fit-18 ta' Mejju 2000 f'kawza ta' separazzjoni personali bejn il-kontendenti.

> "Il-Qorti;
>
> Rat ir-rikors u r-risposta.
>
> Semghet lill-avukati tal-partijiet;

Peress illi jidhrilha li l-iskop tal-ligi hu li jirregola r-relazzjonijiet tal-konjugi meta dawna ma jisghux jibqghu jghixu taht saqaf wiehed sakemm ma jkunx hemm decizjoni finali li tirregola darba ghal dejjem dawn ir-relazzjoni.

Peress illi din il-kawza ghadha fil-fazi taghha fejn diga inghataw l-ordnijiet necessarji minghajr pregudizzju ghad-drittijiet personali u proprjetarji tal-partijiet, liema ordnijiet jinkludu fost ohrajn dak lamentat mir-rikorrent.

Peress illi ghadu kmieni wisq biex jigi disturbat id-digriet tal-Qorti ta' Gurisdizzjoni Volontarja tat-2 ta' Gunju 1999 u fi kwalunkwe kaz, mehud in konsiderazzjoni l-atrit li jezisti bejn il-konjugi, l-pjan ta' divizjoni tad-dar konjugali mhux desiderabbli f'dawn ic-cirkostanzi;

Tichad it-talba bl-istess riserva ta' kunsiderazzjoni ulterjuri jekk ikun hemm xi bdil sostanzjali fic-cirkostanzi tal-partijiet."

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

L-attur Alfred Debono appella minn dan id-digriet wara li kien ottjena minghand l-Ewwel Qorti permess specjali biex hekk jaghmel ai termini tas-subinciz (3) ta' l-artikolu 229 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili.

Id-digriet appellat inghata fuq ir-rikors ta' l-attur appellant tas-16 ta' Settembru, 1999 lill-Ewwel Qorti li bih talab illi "din il-Qorti joghgobha tirrevoka 'contrario imperio' dik il-parti tad-digriet tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Volontarja tat-2 ta' Gunju 1999 fejn awtorizzat lill-konvenuta li tghix hija fid-dar taz-zwieg bla numru pero' bl-isem Alfie House, Duru Street, Nadur, Ghawdex u minflok 'pendente lite' taghti l-provvediment li jaghmel l-aktar gustizzija fil-kaz odjern waqt li l-

esponent (l-appellant) jinghata l-fakolta' li jipprezenta l-kaz tieghu quddiem din il-Qorti, dritt li sal-lum dejjem gie lilu negat mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex), Gurisdizzjoni Volontarja".

Fl-aggravju tieghu l-appellant jaghti r-ragunijiet ghaliex fil-fehma tieghu kien il-kaz illi d-digriet moghti mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex), Gurisdizzjoni Volontarja jigi revokat in kwantu kien skorrett u li allura l-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri fil-kontenzjuz, taghti provvediment iehor rigward ta' l-uzu tad-dar konjugali 'pendente lite'.

Ghal dan ir-rikors l-appellata teccepixxi prelimarjament in-nullita' ta' l-appell u tal-procedura li pprecediet l-istess appell ghar-raguni:-

i. li d-digriet li minnu sar dan l-appell ma hux tax-xorta li jippermetti tali appell qabel is-sentenza definittiva; u
ii. il-procedura li permezz taghha gie awtorizzat dan l-appell hija irrita u nulla u mhux konformi mad-disposizzjonijiet proceduralі applikabbli.

L-appellata tissottometti li appell tax-xorta taht ezami kien espressament eskluz mil-ligi. Is-subinciz (1) ta' l-artikolu 229 tal-Kap 12 jipprovdi inter alia illi "appell minn dawn id-digrieti li gejjin jista' jsir biss <u>wara l-ghoti ta' sentenza definittiva</u> u flimkien ma' appelli minn dik is-sentenza u dawn id-digrieti ma jistghux jigu kontestati qabel ma tinghata s-sentenza definittiva". Is-subinciz (k) ta' l-istess inciz imbaghad jghid li

fost dawn id-digrieti, hemm dawk “dwar jekk tintlaqax jew le talba ghar-revoka jew emenda ta’ digriet bla hsara ghad-disposizzjonijiet ta’ dan l-artikolu.”

Din il-Qorti ezaminat l-atti kollha tal-kawza u waslet ghall-konvinciment illi t-talba ta’ l-attur li pprovokat id-digriet appellat ma kienet xejn hlief talba ghar-revoka tad-digriet jew digrieti precedenti moghtija fuq l-istess mertu minn Qorti, anke jekk ta’ kompetenza volontarja. Infatti, kif fuq registrat, it-talba kontenuta fir-rikors ta’ l-appellant quddiem l-Ewwel Qorti kienet espressament dik ghal revoka ‘contrario imperio’ tad-digriet tal-Qorti Civili tal-Magistrati anke jekk fil-kompetenza taghha volontarja. Fil-verita’, t-talba ta’ l-appellant quddiem il-Qorti kontenzjuza ma setghetx tkun mod iehor hlief dik, biex dik il-Qorti tikkonsidra mill-gdid decizjoni tal-Qorti volontarja u b’hekk tasal ghar-revoka mitluba. Altrimenti, dak id-digriet kien jibqa’ jorbot bejn il-kontendenti sakemm il-kawza fil-kontenzjuz tigi finalment deciza.

Din il-Qorti ma taqbilx mas-sottomissjoni ta’ l-appellata illi l-fatt illi ssir talba quddiem il-Qorti fil-kontenzjuz ghal revoka jew modifika ta’ digriet moghti mill-istess Qorti fil-kompetenza taghha volontarja, dan ikun ifisser illi jkun qieghed “jinholoq mod indirett kif isiru appelli minn digrieti tal-Qorti ta’ Gurisdizzjoni Volontarja bi ksur ta’ dak kif provdut fl-artikolu 35 tal-Kap 12”. Kien veru illi minn digrieti tas-Sekond’Awla ma kienx jinghata appell u illi meta parti jidhrilha li hija aggravata setghet taghmel

kawza quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ghall-provvediment mehtieg. Dan pero' japplika ghal dawk il-kazijiet fejn il-mertu kopert bid-digriet impunjat, ma jkunx diga' qieghed jigi investit jew involut f'kawza quddiem il-Qorti kontenzjuza. F'dan il-kaz ma kienx mehtieg illi l-parti li thossha aggravata bid-digriet tas-Sekond'Awla tal-Qorti Civili taghmel proceduri separati ghar-revoka jew modifika tieghu u ma seghtetx titlob dan quddiem il-Qorti fil-kontenzjuz fl-istess process. Talba simili pero' kienet tkun milquta bis-subinciz (k) ta' l-inciz (1) ta' l-artikolu 229 u d-digriet ta' talba simili ma jkunx appellabbli jekk mhux wara l-ghoti tas-sentenza definittiva flimkien ma' appell minn dik is-sentenza. Il-ligi espressament tipprovdi illi digrieti bhal dawn ma jistghux jigu kontestati qabel ma tinghata s-sentenza definittiva fil-mertu. Il-procedura adottata mill-appellant kienet ghal din ir-raguni irritwali u nulla u ma kienx hemm htiega li l-Qorti tezamina ulterjorment kapi ohra ta' irritwalita' tal-procedura sollevati mill-appellata.

Ghal dawn il-motivi, l-appell qed jigi michud bl-ispejjez kontra l-appellant. L-atti qed jigu rimessi lill-Ewwel Qorti ghall-kontinwazzjoni.

Dep/Reg

cb